# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa
# Ta' Marija
# Burmarrad

Tel: 21573045/ mobile: 77622275 Fax:21578118
www.parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroċċaburmarrad.com
https://www.facebook.com/parroccaburmarrad

*LEĦEN IL-PARROĊĊA - April 2015 - Nru. 385*



# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

**Dan hu l-Jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih, Allelujah**!

Din hi l-għajta li qed tidwi mal-Knisja kollha f'dan iż-żmien Qaddis tal-Għid. Huwa żmien li lkoll inġedduh, kull meta bħala komunita' ninġabru biex niċċelebraw l-Ewkaristija, l-aktar f'Jum il-Mulej, fil-Jum tal-Ħadd. Biex verament nifirħu u nithennew fiH jeħtieġ li ma nibqgħux biss fuq it-Tradizzjoni, imma fuq realtajiet li jieħdu u jagħtuna ħajja u jħallu effett f'ruħna u f'ħajjitna. Kull wieħed u waħda minna jagħmel ħafna sforz biex jidher sabiħ minn barra, iżda bosta drabi ninsew ir-realta' ta' ruħna bil-konsegwenza li aktar nagħtu kas tad-dehra esterjuri milli tas-sustanza vera tagħna nfusna.

Fl-Ewwel Ittra San Ġwann f'Kapitlu 4, versi minn 14-16, *jgħidilna 'Li aħna rajna u nagħtu xiehda li l-Missier bagħat lil Ibnu Salvatur tad-dinja. U li min jistqarr li Ġesu' hu l-Iben t'Alla, Alla jgħammar fih u hu f'Alla. U aħna għarafna u emminna fl-imħabba li Alla għandu għalina'*. San Ġwann iwettaq il-verita' tat-tagħlim tiegħu li flimkien mal-Appostli l-oħra raw lil Ġesu' fid-dinja, semgħu t-tagħlim tiegħu u għalhekk jistgħu jixhdu li Alla tassew bagħat lil Ibnu fid-dinja biex jifdi lilek u lili. Għalhekk il-fidi f'Ġesu' għalina hi kundizzjoni tar-rabta tagħna m'Alla.

Dan Allu li hu Imħabba, li jħobbna b'mod personali, jafna u jħobbna lkoll b'imħabba infinita, kif aħna, u għamilna x'għamilna. Ħadd minna ma hu numru, imma persuna daqs li kieku kienet unika. Alla li ma jgħejja qatt iħobbna u jaħfrilna, għax Hu l-għajn tal-Imħabba li jħobb b'qalb kbira u dejjem. L-Imħabba t'Alla ssir għalina don u qawwa biex nirbħu dan kollu.

Għalhekk Ġesu' bil-qawmien tiegħu mill-imwiet uriena li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra, u li bħalu għad irridu nqumu b'ġisem glorjuż għall-Ħajja ta' Dejjem. Ġesu' qam rebbieħ kif wegħdna u ser jibqa' magħna sal-aħħar taż-żmien, u għalhekk jekk Hu magħna, min qatt jista' jkun kontra tagħna?

**Kristu Rxoxt u Ommu Marija iberkuna u jħarsuna lkoll!**

Tkunu mberkin!
P.Joseph Mamo ofm Conv.

# TAMA U FERĦ
# il-messaġġ tal-Għid

L-akbar tentazzjoni fil-ħajja hija li taqta' qalbek u ċċedi. Biżżejjed tisma' l-aħbarijiet kuljum biex tinħakem mid-dwejjaq u l-qtigħ il-qalb. Il-messaġġ tal-aħbarijiet huwa wieħed ta' biki, ta' nuqqas ta' tama. U bilfors ikollok tistaqsi – 'il fejn sejrin? Id-dinja veru saret infern wieħed?
Kollox qiegħed jispiċċa?

L-Għid tal-Mulej jirrispondi b'qawwa – **LE...**mhux kollox qiegħed jispiċċa. Forsi veru li hekk qiegħed jidher, illi dawk it-tlett sigħat ta' dlam tal-Gimgħa l-Kbira kellhom huma l-aħħar kelma. Forsi wieħed jaħseb u jħoss illi l-ħajja fid-dinja tal-lum qisha dejjem il-Ġimgħa l-Kbira. Imma le, l-aħħar kelma mhijiex tal-Gimgħa l-Kbira, imma l-aħħar kelma hija tal-Qabar Vojt tal-Mulej. Lanqas il-mewt ma tista' teqred lil Alla, għax Ġesu' qam mill-mewt. Id-dawl, il-ħajja u t-tajjeb dejjem ikollhom l-aħħar kelma.

**Dan hu l-Jum li għamel il-Mulej,**
**ħa nifirħu u nithennew fih.**
**Hu qam kif kien qal.**
**Allelujah.**



# ĦAJJA U ĦIDMA - APRIL 2015

**L-Erbgħa 1** Fis-7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb fuq it-tlett ijiem Qaddisa tal-Għid. Fis-6.30pm - Nitilqu minn ħdejn il-Knisja biex nattendu l-Via Sagra Nazzjonali Djoċesana. Booking fis-sagristija.

**Il-Ħamis 2** **Ħamis ix-Xirka**
Fis-7.30am – Talb Komunitarju
Bejn il-5.30pm u s-7.00pm ikollna servizz tal-qrar.
Fis-7.00pm – Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-ħasil tar-riġlejn, li tkun animata mill-kor tal-Parroċċa. Wara jkollna r-repożizzjoni tal-Ewkaristija fl-artal.
Fid-9.00pm – Adorazzjoni Komunitarja.

**Il-Ġimgħa 3** **Il-Ġimgħa l-Kbira - Jum ta' Sawm u Astinenza**
Fis-7.30am – Talb Komunitarju
Fl-10.00am – Adorazzjoni komunitarja qasira għat-tfal tal-Parroċċa.
Fit-3.00pm – Ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej u Tqarbin.
Mill-lum tibda n-Novena tal-Ħniena Divina.

**Is-Sibt 4** **Sibt il-Għid**
Fis-7.30am – Talb Komunitarju
Bejn is-6.00pm u t-8.00pm ikollna servizz ta' qrar.
Fit-8.00pm – Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid bil-Magħmudija.

**Il-Ħadd 5** **L-GĦID IL-KBIR**
Wara l-Quddiesa tat-8.30am jsir it-tberik tal-figolli u l-ħelu tal-Għid.

**It-Tlieta 7** Mill-lum jibda t-Tberik tal-Familji. Araw il-programm separat.

**Il-Ħamis 9** Fil-5.30pm – Terġa tibda d-duttrina wara l-vaganzi tal-Għid.

**Il-Ġimgħa 10** Fid-9.00am – Ċentru Parrokkjali – Taħdita dwar Id-Divertiment Alternattiv organizzata mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Min jista' jattendi tajjeb li jiġi għax huma vera interessanti.

**Is-Sibt 11** Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd 12** **Festa tal-Ħniena Divina.**
Fis-6.00pm – Adorazzjoni fil-Knisja segwita bil-Quddiesa.

**It-Tnejn 13 sal-Ġimgħa 17** issir ir-reġistrazzjoni tal-Iskola Sajf bejn id-9.00am u 12.00 fiċ-Ċentru Parrokjali. Din is-sena ukoll qiegħda tiġi organizzata mil-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi.

**Il-Ħamis 16** Fid-9.30am – Coffee Morning fiċ-Ċentru Parrokkjali organizzat mill-Kumitat Festa. Ħallu isimkom fis-sagristija jew mal-helpers tas-soltu.

**Il-Ħadd 19** **Jum il-Karita'**. Il-ġbir kollu fil-Parroċċa f'dan il-weekend imur b'risq il-karita'.

**Il-Ħadd 26** **Jum il-Vokazzjonijiet** – Nitolbu għal aktar vokazzjonijiet fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali. F'dan il-weekend issir il-ġabra speċjali b'risq il-Parroċċa tagħna.

**It-Tlieta 28** Fis-6.00pm – Adorazzjoni tal-Ħniena Divina



## *L-Arċisqof Charles J. Scicluna*

## *Quddiesa tal-Ingress Solenni fil-Katidral*

## *Omelija—Is-Sibt, 21 ta' Marzu 2014*

*"Tħobbni int?"*



Il-kelmiet ta' Ġesù lil Pietru jgħoddu għal kull wieħed u waħda minna. Ilum, b'mod speċjali, Ġesù jgħidhom lili, magħżul biex inkun ir-Ragħaj tagħkom. Id-domanda ta' Ġesù tfakkarni fid-dgħufija tiegħi u fil-Ħniena tiegħu. Tfakkarni li l-qofol ta' kull ministeru pastorali huwa l-imħabba: l-imħabba lejn Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, li ħabbna qabel ħabbejnieh aħna, kif ukoll l-imħabba lejn kull membru tal-merħla tiegħu. Iva Mulej, inti taf li nħobbok. Inti tafni. Inti taf dnubieti u l-waqgħat tiegħi. Inti taf lil qalbi, lil ruħi. Inti taf il-ġewwieni tiegħi. Inti taf li mingħajrek ma jien xejn u ma nista' nagħmel xejn. Inti taf. U għaliex taf u minkejja dak li taf, inti tafdani u qiegħed tafdali l-merħla għażiża tiegħek f'din il-gżira, il-merħla li inti fdejt bid-demm għażiż tiegħek. Irgħa l-ħrief u n-nagħaġ tiegħi. Li tirgħa tfisser li tieħu ħsieb, li tindokra, li titma, li tmantni, li twennes, li tiggwida. Dan kollu jmiss lili illum bħala dover u sejħa. Dan kollu irrid nagħmlu bil-kelma li tqanqal u fuq kollox b'eżempju li jkaxkar. Dan kollu rrid nagħmlu bl-imħabba u bl-ispirtu ta' ħlewwa ma' kull membru tal-merħla u, meta

meħtieg, bil-bastun quddiem il-lupu. Mulej, jiena naf, imma nitolbok tfakkarni dejjem, li l-ħrief u n-nagħaġ mhumiex tiegħi iżda huma tiegħek. Inti qiegħed tafdahomli u jiena rrid nagħti kont tagħhom lilek. Kun miegħi dejjem biex fija jaraw lilek, biex ma nkunx għalihom ta' tfixkil, iżda nkun għalihom ta' għajnuna, ta' kenn, ta' wens u ta' ġieħ.

*Grazzi.*

Nirringrazzjak talli f'dan il-ministeru Episkopali li afdajtli permezz talmaħbub Papa Franġisku, inti ma ħallejtnix waħdi, iżda qiegħed tagħtini għajnuna xierqa u qawwija. Grazzi ta' ħija l-Isqof Mario, Ragħaj tad-Djoċesi maħbuba u għażiża ta' Għawdex, li inti tajtuli bħala ħija l-kbir. Grazzi talgħajnuna li ser ikolli mingħand Pawlu, l-għażiż Arċisqof Emeritu. U Pawlu nirringrazzjak tax-xhieda sabiħa tal-imħabba li tajtna u li tagħtina. Grazzi tas-saċerdoti djoċesani u reliġjużi. Grazzi tal-irġiel u n-nisa fil-ħajja ikkonsagrata. Grazzi tal-katekisti, b'mod speċjali dawk li huma ulied San Ġorġ Preca. Grazzi tal-lajċi li jbierku u jqaddsu tant oqsma fil-ħajja soċjali. Dan il-poplu twajjeb għandu ħafna rġiel u nisa lajċi li kuljum jagħmlu d-dover tagħhom, jgħożżu l-familja tagħhom u jitolbu l-għinuna tal-Mulej firrisq it-tajjeb u l-ħażin. Grazzi Mulej tal-istedina li qed tagħmel illum lil kull wieħed u waħda minna: 'Ejja warajja'. Aħna, il-familja tal-Knisja f'Malta, nixtiequ ħerqana nimxu flimkien warajk, Ġesù. Il-mixja tagħna tkun mixja flimkien, mixja sinodali. Il-mixja tagħna tkun mixja lejk, inti l-Mulej u s-Sid tal-istorja, fidil u veru, li qatt ma tqarraq bina, u li tgħidilna l-kliem tal-ħajja ta' dejjem. Lilek Ġesù, il-glorja, il-ġieħ, u l-qawwa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

# Tajjeb Tkun Taf

- Grazzi u prosit tal-parteċipazzjoni għall-Eżerċizzi u l-funzjonijiet tal-Għid.

- Prosit lil dawk kollha li ħadu sehem fir-rappreżentazzjoni tal-Passjoni – SMS – Sinjur, Mulej, Salvatur li saret fil-Parroċċa tagħna nhar il-21 ta' Marzu.

- Grazzi tad-donazzjonijiet ta' preserves li nġabru b'risq it-tfal ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żabbar u l-familji fil-bżonn.

- Jum l-Ewwel Tqarbina se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 2015 fl-10.00am.

- Il-Griżma tal-Isqof ser tiġi amministrata minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna f'data li ser titħabbar dalwaqt.

- Nesprimu l-kondoljanzi lill-ex-Kappillan P.Joe Xerri ofm.Conv. u l-familja tiegħu fit-telfa tal-għażiż missierhom ANĠLU, li ltaqa' mal-Mulej Irxoxt nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2015.

- It-Tberik tal-Familji u l-Ħwienet ser jibda nhar it-Tlieta 7 ta' April mill-4.30pm il-quddiem.
  Araw il-Fuljett speċjali għall-Programm tat-Tberik.